Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2003

Numru 2/2003

**Joseph Gaffarena**

**v.**

**Kummissarju tal-Pulizija**

Il-Qorti:

Dan hu provvediment wara r-rikors ta' l-Avukat Generali tat-28 ta' Ottubru, 2003 li permezz tieghu qed jappella, skond ma jipprovdi s-subartikolu (3) tal-Artikolu 541 tal-Kodici Kriminali, minn decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-25 ta' Lulju, 2003. Permezz ta' din id-decizjoni, moghtija in segwitu ghal dik li hi komunement imsejha "procedura ta' *challenge* lill-Kummissarju tal-Pulizija", il-Kummissarju tal-Pulizija gie ordnat "li jiehu passi kontra Sebastian Dalli taht il-provediment tal-art [recte: il-provvedimenti tal-artikoli] ikkontemplati fit-Titolu V tal-Kap. 9 Delitti Kontra l-Fiducja Pubblika".

Qabel xejn ghandu jigi precizat li r-raguni ghala r-rikors ta' l-Avukat Generali sar kwazi tlett xhur wara d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) kienet li dik il-Qorti, evidentement bi zvista, ma kienitx innotifikat lill-Avukat Generali bid-decizjoni taghha fiz-zmien indikat fis-subartikolu (3) tal-imsemmi Artikolu 541. Kif irrisulta fil-kors tat-trattazzjoni fl-udjenza tal-31 ta' Ottubru, 2003, kien biss meta membri tal-Korp tal-Pulizija marru biex jiehdu parir minghand l-Avukat Generali dwar kif ghandhom jipprocedu fir-rigward tal-imsemmija decizjoni li l-istess Avukat Generali sar jaf li effettivement din kienet inghatat. Ghalhekk permezz ta' rikors datat 14 ta' Ottubru, 2003, l-Avukat Generali talab lil dik il-Qorti li tinnotifikah skond kif titlob il-ligi; u dik il-Qorti, b'digriet datat 16 ta' Ottubru, 2003, ordnat in-notifka. Kien biss fis-17 ta' Ottubru, 2003 li l-Avukat Generali gie formalment u skond il-ligi notifikat bid-decizjoni. Ir-rikors ta' l-Avukat Generali gie, ghalhekk, prezentat entro t-terminu ta' sebghat ijiem tax-xoghol min-notifika indikat fl-Art. 541(3).

L-Avukat Generali, fir-rikors dettaljat tieghu, ghandu diversi aggravji, kemm fir-rigward tal-procedura adottata kif ukoll fir-rigward tad-decizjoni *per se* ossia fil-meritu, pero` dawn l-aggravji – jew ghall-anqas l-aggravji principali – jistghu jigu sintetizzati f'aggravju wiehed, u cioe` li l-Qorti ta-Magistrati (Malta) marret lil hinn minn dak li tippermettilha l-ligi meta ordnat lill-Kummissarju tal-Pulizija li "jiehu passi kontra Sebastian Dalli taht il-provvediment tal-art ikkontemplati fit-titolu V tal-Kap. 9 dwar Delitti Kontra l-Fiducja Pubblika".

Il-fatti saljenti huma s-segwenti:

1. Permezz ta' ittra datata 24 ta' Ottubru, 2001 mibghuta mill-Avukat Dott. Keith Bonnici a nom ta' Joseph Gaffarena – ittra li l-Kummissarju tal-Pulizija jghid li qatt ma irceva (ara r-risposta tieghu, ghar-rikors tac-*challenge*, tal-20 ta' Ottubru, 2002) – l-imsemmi Kummissarju gie mitlub sabiex "jiehu dawk il-passi necessarji kontra Sebastian Dalli ghal frodi fil-konfront [ta' Joseph Gaffarena]" (sottolinear ta' din il-Qorti).

2. Fis-16 ta’ Settembru, 2002 Joseph Gaffarena ppresenta r-rikors ta’ *challenge* u talab li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) “joghgobha tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija jipprocedi kontra l-imsemmi Sabastian Dalli ghar-reat ta’ frodi u reati ohra relatati u dan a bazi ta’ l-imsemmija kwerela [tal-24 ta’ Ottubru, 2001]” (sottolinear ukoll ta’ din il-Qorti).

3. Il-Qorti tal-Magistrati (Malta), wara li semghet il-provi, ipprovdiet hekk (fid-digriet taghha tal-25 ta’ Lulju, 2003);

**“In kwantu ghalhekk ir-reat ikkontemplat taht l-art 308, 309, 310 tal-Kap. 9 din il-Qorti tichad it-talba tar-rikorrent.**

**“Il-Qorti pero` ssib li in kwantu f’dokument pubbliku saret dikjarazzjoni falza hemm f’dan ir-rigward lok ghar-rapport, denunzja jew kwerela, fatt dan li tista’ tghid kien logikament anke rikonoxxut mill-Ufficjal Prosekutur waqt li kienet qed tiehu l-istqarrija ta’ Sebastian Dalli. F’dan il-konfront tilqa’ t-talba u ghaldaqstant tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija li jiehu passi kontra Sabastian Dalli taht il-provediment tal-art ikkontemplati fit-titolu V tal-Kap. 9 dwar Delitti Kontra l-Fiducja Pubblika.”**

Din il-Qorti, wara li ezaminat l-atti tal-procedura tac-*challenge* u wara li semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-31 ta’ Ottubru, 2003, tosserva s-segwenti:

i. Il-procedura hekk imsejha “tac-*challenge*” kontemplata fl-Artikolu 541(1) tal-Kodici Kriminali hi, f’certu sens, procedura straordinarja. Ir-regola hi li l-azzjoni kriminali hi essenzjalment wahda pubblika u tmiss lill-Istat (Artikolu 4(1), Kap. 9). Tali azzjoni titmexxa *ex officio* fil-kazijiet kollha hlief f’dawk il-kazijiet fejn hi mehtiega l-kwerela tal-parti privata jew f’dawk il-kazijiet fejn il-ligi espressament thalli t-tmexxija ta’ l-azzjoni f’idejn il-parti privata (Artikoli 4(2) u 373, Kap. 9). Il-procedura tac-*challenge* – li ma tapplikax ghal kontravvenzjonijiet jew ghal delitti fejn it-tmexxija tal-azzjoni kriminali tmiss lill-

parti privata – trid ghalhekk tigi applikata b'mod rigoruz ghal dawk il-kazijiet biss li trid il-ligi u fit-termini li trid il-ligi.

ii. L-Artikolu 541(1) tal-Kap. 9 jaghmilha cara li huwa biss f'dawk il-kazijiet fejn il-Pulizija Esekuttiva ma tkunx trid tagixxi "wara d-denunzja, ir-rapport jew il-kwerela ta' delitt" li hu koncess li jkun hemm l-intervent gudizzjarju. Huwa biss meta l-Pulizija Ezekuttiva ma tkunx trid tagixxi fir-rigward tad-delitt jew delitti specifikatament indikat jew indikati fid-denunzja, fir-rapport jew fil-kwerela li d-denunzjant jew minn jaghmel ir-rapport jew il-kwerelant jista' jitlob l-ordni tal-Magistrat skond l-imsemmi Artikolu 541(1), u dan, s'intendi, wara li jkun ottempera ruhhu mad-diversi rekwiziti procedurali indikati fl-imsemmija disposizzjoni. Din il-Qorti tifhem li dan ir-reat ma hemmx ghalfejn jigi specifikat bl-isem tekniku tieghu; huwa bizzejjed li mid-denunzja, mir-rapport jew mill-kwerela jkun jirrizulta car liema reat qed jigi deunzjat jew rappurtat jew fir-rigward ta' liema reat li jkun sar kontra tieghu il-kwerelant jitlob li jittiehdu passi.

iii. Fil-kwerela tieghu tal-24 ta' Ottubru, 2001 Joseph Gaffarena, tramite l-legali tieghu, talab li jittiehdu proceduri kontra Sebastian Dalli "ghal frodi". Issa, ghalkemm l-espressjoni generika "frodi" kienet tikkomprendi, fiz-zmien meta saret il-kwerela, ghaxar delitti differenti fl-Artikoli 293 sa 310 tal-Kap 9[1], hu evidenti, specjalment meta si tratta ta' kwerela radatta minn avukat bhalma kienet f'dan il-kaz, li l-kwerelant kien qed jillimita t-talba tieghu ghal procediment kontra Dalli fir-rigward ta' dawn l-ghaxar delitti jew fir-rigward ta' xi wiehed minnhom. Ifisser, ghalhekk, li jekk il-Pulizija Ezekuttiva tiddeciedi li ma tipprocedix fir-rigward ta' Dalli, Gaffarena seta' jintavola r-rikors ghac-*challenge* fir-rigward ta' xi wiehed minn dawk l-ghaxar delitti – ghax kienu dawk u dawk biss li kienu l-meritu tal-kwerela – u mhux fir-rigward ta' xi delitt jew delitti ohra. Dan qed jinghad interament bla pregudizzju ghall-kwistjoni – imqanqla mill-Avukat Generali izda li din il-Qorti tara li

[1] Illum, wara l-emendi introdotti bl-Att III tal-2002, in-numru ta' delitti inkluzi fis-sub-titolu "Fuq il-Frodi" zdied.

f’dan il-kaz m’ghandhiex ghalfejn tippronunzja ruhha dwarha – ta’ jekk kwerela tistax issir biex jittiehdu passi fir-rigward ta’ diversi reati b’mod generiku, jigifieri billi wiehed jindika biss it-titolu jew is-subtitolu relattiv tal-Kodici Kriminali.

iv. Gara`, pero`, li fir-rikors promotur tal-procedura tac-*challenge* Gaffarena talab lill-Qorti tal-Magistrati sabiex “tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija jipprocedi kontra l-imsemmi Sebastian Dalli ghar-reat ta’ frodi u u reati ohra relatati u dana a bazi tal-imsemmija kwerela.” Tali talba Gaffarena ma setax jipproponiha in kwantu tirreferi ghal “reati ohra” u cioe` mhux dawk li jaqghu taht l-isem generiku ta’ “frodi”. Ma hux l-iskop tal-procedura tac-*challenge* li tinfetah indagini lil hinn mir-rapport, denunzja jew kwerela. Kif tajjeb osserva l-Avukat Generali fir-rikors tieghu, il-procedura in kwistjoni m’ghandhiex isservi bhala *a fishing expedition* biex wiehed jipprova jara x’jirrisulta mill-provi (jekk jinstemghu provi, ghax il-Qorti tal-Magistrati tista’ tiddispensa mis-smigh tal-provi) biex imghad dik il-Qorti tiddeciedi hi id-delitt li fir-rigward tieghu il-Pulizija Ezekuttiva ghandha tipprocedi. Fi kliem iehor, id-delitt li dwaru jista’ jsir l-ordni lill-Kummissarju tal-Pulizija taht l-Artikolu 541(1) irid ikun wiehed li jkun gie predikat b’mod car fid-denunzja, fir-rapport jew fil-kwerela.

v. Il-kwerela tal-24 ta’ Ottubru, 2001 kienet tirreferi biss ghal delitti ta’ frodi. Il-Qorti tal-Magistrati, ghalhekk, wara li cahdet it-talba fir-rigward ta’ xi wiehed jew aktar minn dawn id-delitti, ma setghetx tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija li jipprocedi fir-rigward ta’ xi delitt kompletament differenti, cioe` delitt taht it-titolu V – titolu li llum jikkomprendi tlieta w ghoxrin delitt differenti – u, per di piu`, minghajr ma jigi specifikat id-delitt partikolari li dwaru kien qed isir l-ordni. Konsegwentement it-talba ta’ l-Avukat Generali timmerita li tigi milqugha.

Ghall-motivi premessi, tilqa’ t-talba ta’ l-Avukat Generali u konsegwentement tirriforma d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-25 ta’ Lulju, 2003 fl-ismijiet premessi billi thassarha u tirrevokaha f’dik il-parti fejn jinghad: *“…tilqa’ t-talba u ghaldaqstant tordna lill-Kummissarju tal-*

*Pulizija li jiehu passi kontra Sebastian Dalli taht il-provediment ta' l-art ikkontemplati fit-titolu V tal-Kap 9 dwar Delitti Kontra l-Fiducja Pubblika"*.

Tordna komunika immedjata ta' dan il-provvediment lill-Avukat Generali, lil Joseph Gaffarena u lill-Kummissarju tal-Pulizija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------